# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum it-22 t'Ottubru 2019**

Appell numru 385 tal-2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**Rene' (Renato) FARRUGIA**

Il-Qorti :

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Rene' (Renato) FARRUGIA** li għandu l-karta tal-identita bin-numri 128366(M) u li ġie mixli talli

1. Fl-10 ta' Novembru 2015, ġewwa Attard u f'dawn il-Gżejjer, b'għemil żieni kkorrompa lil minuri OMISSIS ta' 15 il-sena.

2. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi ippartecipa f' attivitajiet sesswali mal-istess OMISSIS ta' 15 il-sena.

3. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi kkommetta attentat vjolenti fuq il-pudur fuq l-istess OMISSIS ta' 15 il-sena.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhirlha xieraq tipprovdi ghas-sigurta ta' OMISSIS u l-familja taghha u persuni ohra, u minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' OMISSIS u l-familja taghha ai termini tal-Art 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-28 ta' Settembru 2017 li permezz tagħha dik il-Qorti ikkunsidrat is-segwenti : -

Illi fil-fehma tal-Qorti ghalkemm il-bews u t-tokkamenti fil-partijiet intimi minn fuq il-hwejjeg jistghu jitqiesu bhala atti di libidine dawn ma jistghux jitqiesu bhala partecipazzjoni f'attivita' sesswali per se.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser issib lill-imuputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu iżda mhux hati tat-tieni mputazzjoni u ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni stante li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li ghaliha l-imputat ser jinstab hati.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu dedina penali nadifa izda kkunsidrat ukoll il-gravita' tar-reat li tieghu qed jinstab hati u fic-cirkostanzi jidhrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva ghalkemm mhux fil-massimu mponibbli stante li t-tokkament saru minn fuq il-hwejjeg u stante li l-agir tal-imputat sehh f'okkazjoni wahda u ma kienx ripetut.

Ghal dawn il-motifi u wara li rat l-Artikolu 203 tal-kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat bati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax (18) -il xahar prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni (2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnha. Stante li t-tielet (3) imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati l.-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum fejn il-persuni protetti huma OMISSIS u ommha.

Sabiex tigi protetta l-identita tal-minuri l-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri u ta' ommha kif ukoll l-indirizz taghhom fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

> Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Rene' (Renato) FARRUGIA preżentat minnu nhar id-9 t'Ottubru 2017 fejn huwa ressaq tliet aggravji li, fil-qosor huma s-segwenti: -

1. Il-Qorti tal-Maġistrati, fl-evalwazzjoni tal-provi uriet propensita li taċċetta dak kollu li qalet il-parte civile u skartat dak li qal l-appellant, u dan mingħajr ebda raġuni.
2. Illi l-fatti kif spjegati mill-parte civile f'dan il-każ kienu jikwadraw ruħhom fir-reat ta' attentat vjolenti għall-pudur u mhux dak ta' korruzzjoni ta' minorenni.
3. Il-piena inflitta f'dan il-każ kienet sproporzjonata għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet lid-Difensuri tal-partijiet jittrattaw l-appell;

***Ikkunsidrat : -***

1. Il-funzjoni u s-setgħat ta' din il-Qorti, (f'dan il-każ bħala Qorti li tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati), ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

2. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

3. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

4. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

5. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.

***Ikkunsidrat : -***

6. Illi l-minuri xehdet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fejn stqarret bil-ġurament l-esperjenzi mistqarra minnha quddiem il-Maġistrat stess. Dan seħħ wara li l-minuri kienet diġa fetħet qalba ma' ommha u mal-Pulizija u eventwalment, skont ommha, ma' xi Psikologa. Bla dubju ta' xejn, l-aktar xiehda importanti u peżanti f'dan il-każ kienet ix-xiehda tal-minuri fuq naħa u tal-imputat appellant u seħibtu Amanda Azzopardi fuq in-naħa l-oħra. Iżda l-Qorti tal-Maġistrati

straħet ukoll fuq ix-xiehda tal-*call profiles* eżebiti minn Anthony Bonnici u Amelie Abela u dan sabiex tkun ukoll tista' tikkontrolla l-kredibilita tax-xiehda tal-parte civile u ommha minn naħa u tal-appellant u seħibtu fuq in-naħa l-oħra.

7. Il-Qorti tal-Maġistrati ma analizzatx biss ix-xiehda tal-minuri iżda stħarġet ukoll ix-xiehda tal-appellant u rat li fuq xaqliba kien hemm l-appellant, li kien raġel adult u matur, filwaqt li fuq ix-xaqliba l-oħra kien hemm il-minuri ta' ħmistax il-sena. Dik il-Qorti kellha quddiemha żewġ xenarji – biss ikkonkludiet li l-aktar li kienet konsistenti kienet dik preżentata mill-minuri in kwantu kienet ukoll korroborata minn xiehda oħra, fosthom t'ommha u dik ċirkostanzjali tal-*call profiles*. Dik il-Qorti qieset li ma kienx hemm inkonsistenzi bejn il-verżjoni tal-minuri u x-xiehda l-oħra, għajr dik tal-appellant. Il-minuri xehdet bil-*video-conference facilities* u kienet ċara fi kliemha u fl-imġieba tagħha fir-rigward ta' dak li tgħid li kien għamlilha l-appellant.

8. L-appellant minn naħa tiegħu jilmenta li l-Qorti tal-Maġistrati straħet b'mod għami fuq il-verżjoni tal-minuri u ma għamlet ebda apprezzament dwar dak li stqarr l-appellant u Amanda Azzopardi li, l-Avukat Difensur itenni li kienu konsistenti fil-verżjoni li taw. L-abbli Difensur jisħaq li l-kuntest tal-veraċita u konsistenza ma kienetx prerogattiva tal-minuri. L-appellant kien daqstant ieħor konsistenti f'dak li qal kemm fl-istqarrija kif ukoll fid-deposizzjoni

tiegħu, għajr ħlief għal xi ftit ineżattezzi li ma kienux determinanti. Fi ftit kliem l-appellant itenni li jekk iż-żewġ verżjonijiet kienu jirriżultaw li kienu kredibbli u konsistenti, il-Qorti tal-Maġistrati kellha tillibera lill-imputat u mhux issibu ħati in kwantu dan il-fattur kien iwassal għal dubju dettat mir-raġuni dwar dak li verament seħħ, liema dubju kellu jiġi interpretat biss favur tal-appellant.

***Ikkunsidrat : -***

9. Illi l-Qorti tal-Maġistrati għamlet analiżi dettaljata tal-provi li semgħet quddiemha, kif ukoll eżaminat il-punti ta' dritt pertinenti u ċċitat ġurisprudenza fuq is-suġġett preċiż qabel ma waslet għas-sentenza tagħha. Bejn il-verżjoni tal-minuri u dik tal-appellant hemm distakk totali. Id-difiża tal-appellant hija sempliċi – il-fatt qatt ma seħħ – u jressaq l-alibi ta' Amanda Azzopardi li tgħid li fil-ħin meta allegatament seħħew il-fatti inkriminati l-appellant kien jinsab id-dar t'ommha fir-Rabat, Malta hekk kif kien għadu kif wasal it-tifel minuri tagħha u tal-appellant mill-iskola.

10. Din il-Qorti rat li verament li l-Qorti tal-Maġistrati serrħet il-konklużjonijiet tagħha fuq ix-xiehda tal-minuri u skartat kompletament il-verżjoni tal-appellant. Anzi, fis-sentenza tagħha il-Qorti tal-Maġistrati l-anqas għamlet aċċenn għax-xiehda ta' Amanda Azzopardi li kkonfermat l-alibi tal-appellant.

11. Mill-banda l-oħra l-Qorti tal-Maġistrati qieset li l-minuri kienet skjetta u preċiża fid-deskrizzjoni li tat dwar l-imġieba tal-appellant meta seħħ dan il-każ, inkluż il-komportament tagħha, u dan mid-dettalji li tagħat waqt il-video-konferenza.

***Ikkunsidrat : -***

12. Illi f'dawn il-każijiet huwa ferm diffiċli li jkun hemm elementi korroboranti diretti dwar l-atti ta' natura jew t'indoli sesswali li jkunu saru bejn tnejn minn nies, in kwantu l-episodji jkunu saru f'kuntest fejn, fl-i*stragrande* maġġoranza tagħhom, ma jkunx hemm nies oħra preżenti. Għalhekk minn għewl id-dinja li dawn il-każijiet ikunu jiddependu fuq verżjonijiet taż-żewġ persuni li jkunu involuti, u li bosta drabi jkunu konfliġġenti, jekk mhux ukoll dijametrikament opposti, bħal ma huwa f'dan il-każ.

13. Kif intqal minn Lord Hoffman fil-każ ***Re B (Children) (Sexual Abuse):***[3]

> If a legal rule requires a fact to be proved, (a 'facts in isue') a judge or jury must decide whether or not it happened. There is no room for finding that it might have happened. The law operates a binary system in which the only values are 0 and 1. The fact either happened or it did not. If the tribunal is left in doubt, the doubt is resolved by a rule that one party or the other carried the burden of proof. If the party who bears the burden of proof fails to discharge it, a value of 0 is returned and the fact is treated as not having

[3] 2009, 1 AC 11.

happened. If he does discharge it, a value of 1 is returned and the fact is treated as having happened.

14. Il-Qorti tal-Maġistrati kellha l-fakulta li tara b'għajnejha u tisma' b'widnejha kemm lill-minuri kif ukoll lill-imputat appellant, kemm lill-omm il-minuri, kif ukoll lil sieħbet l-appellant. Hija kienet f'qagħda ottima li tagħmel dik l-analiżi li hija meħtieġa li ssir skont il-prinċipji stabbiliti fl-artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali, u li huma l-għodda prinċipali li għandhom dawn il-Qrati meta jiġu biex jiddeċiedu prinċipalment fuq l-attendibbilita u kredibbilta' ta' xiehda.

L-artikolu 637 jgħid li:

> L-eċċezzjonijiet dwar waħda jew oħra mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' mingħandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ:
>
> Iżda attenzjoni partikolari għandha tingħata sabiex jiġi assigurat li evidenza relatata mal-istorja u l-imġiba sesswali tal-vittma ma tkunx permessa sakemm ma tkunx relevanti u neċessarja.

Aktar minn hekk l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali iżid li :

> (1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.
>
> (2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.

15. Din il-Qorti, tqis li anke fil-verżjoni li taw il-minuri u ommha, kien hemm diskrepanzi inkluż fil-verżjoni reġistrata mill-pulizija li ħadu d-dettalji tal-każ. Dawn id-diskrepanzi huma f'xi dettalji u tkun trid issibom bil-lenti. Iżda fl-assjem tagħhom dawn il-verżjonijiet ġew meqjusa mill-Qorti tal-Maġistrati bħala li kien aktar attendibbli minn dawk mogħtija mill-appellant (u Amanda Azzopardi) u dan ukoll minħabba xi diskrepanzi li ġew rilevati bejniethom, meta mqabblin mal-*call profiles* eżebiti f'dan il-każ.

16. Skont dak mgħallem minn din il-Qorti, diversament presjeduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara*** deċiża nhar id-9 ta' Settembru 2002:

> Pero` din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-ewwel qorti taf ben tajjeb li fil-kamp penali gudikant irid ikun moralment konvint mill-htija ta' dak li jkun biex jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor skond il-ligi, provvediment, pero`, li jimporta kundanna. Meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg versjonijiet konfliggenti (bhalma hemm f'dan il-kaz) jistghu jigru zewg affarijiet: jew il-gudikant ikun tal-fehma li l- kaz tal-prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement pruvat, u allura ghandu jillibera; jew, jekk ikun moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta, u, jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor kif inghad. Hu evidenti minn qari tas-sentenza kollha kemm hi li, f'dan il-kaz, l-ewwel qorti accettat il-vesjoni tal-mara u skartat dik tar-ragel; u li a bazi tal-versjoni tal-mara kienu ghalhekk jirrisultaw pruvati l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet.

17. Dan l-insenjament ġie wkoll segwit fis-sentenza ***Il-Pulizija v. Joseph Thorne*** mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar id-9 ta' Lulju 2003:

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux.

18. Dil-Qorti rat li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet dan l-eżerċizzju t'analiżi tax-xiehda tax-xiehda skont dawk il-kriterji u waslet għall-konklużjoni tagħha li tistrieħ fuq il-verżjoni tal-minuri biex tasal għall-verita ġudizzjarja. Huwa veru li l-fatt li l-minuri kienet konsistenti ma jfissirx li hija kienet qegħda bilfors tgħid il-verita' – u din hija l-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant li jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu. U huwa għalhekk li l-Liġi **<u>ma teħtieġx</u>** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun

konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

19. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat. Iżda biex tkun tista' ssib ħtija, il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[4] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi li jitresqu quddiemha. U l-Qorti trid toqgħod aktar attenta fil-mod ta' kif tanalizza tax-xiehda akkużatriċi ta' xhud uniku u meta tiġi biex tistrieħ fuqha.

20. Il-grad ta' suffiċjenza probatorja *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni* huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid***,[5] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

---

[4] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

[5] ibid.

21. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[6] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

22. Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

23. Huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat

[6] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

24. F'dan il-każ, irriżulta lill-Qorti tal-Maġistrati li x-xiehda tal-minuri bil-*video-conferencing,* kemm fiha nnifisha, kif ukoll meta mqabbla u mgħarbla ma xiehda oħra fil-proċess (bħax-xiehda t'ommha, u l-*call profiles*) ma kienetx biss ***konsistenti,*** iżda kienet ukoll ***kredibbli***. Il-Qorti tal-Maġistrati rat li l-verżjoni mogħtija mill-minuri kienet b'saħħitha biżżejjed li, magħquda mal-provi l-oħra, kkonvinċietha li l-minuri kienet qegħda tgħid il-verita. Jekk dik il-Qorti kienet konvinta, *sure,* li l-minuri kienet qed tgħid il-verita, allura dan iwassal għall-konklużjoni loġika li Qorti setgħet tikkonkludi li l-fatti kif mistqarra minnha kienu seħħew verament. U minħabba li d-Difiża tal-appellant kienet li huwa ma wettaqx il-fatt għax ma kienx preżenti fuq il-post tal-akkadut meta l-minuri qalet li seħħ, allura dik il-Qorti bilfors kienet imġegħelha tieħu posizzjoni b'mod li jekk temmen verżjoni tal-minuri, bilfors trid twarrab il-verżjoni tal-appellant.

25. Il-Qorti tal-Maġistrati f'paġna sitta tas-sentenza tagħha turi ċar li hija ħadet qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud minuri u tal-appellant, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tagħha, u jekk ix-xiehda tal-minuri hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Wara li għamlet dak l-istħarriġ, dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li temmen dak li kienet

qegħda tgħid il-minuri u dan peress li rriżultalha li l-minuri kienet konvinċenti ħafna. U kif qal Lord Hoffman il-fatt jew seħħ jew ma seħħx. Jekk il-minuri ġiet emnuta mill-Qorti tal-Maġistrati, allura l-Qorti bilfors kellha tikkonkludi li l-imġieba tal-appellant reklamata minnha seħħet, bil-konsegwenzi li dan inissel minnu.

26.Il-mument li l-Qorti tal-Maġistrati għażlet, kif kellha l-jedd li tagħmel, li fil-kuntest kollu tal-provi mresqa f'dan il-każ, temmen il-verżjoni li tat il-minuri, skont il-kriterji msemmija aktar il-fuq, allura qieset dik il-verżjoni tal-minuri bħala prova sħiħa u kompluta b'mod li ħassitha konvinta żgura moralment, *sure*, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-fatti tal-każ seħħew skont kif rakkuntat mill-minuri u mhux kif stqarr l-appellant. Il-minuri kellha ħmistax il-sena meta seħħ il-każ u kienet ftit akbar meta xehdet u wriet li kienet ukoll konsapevoli mill-konsegwenzi li jitnisslu jekk tixhed il-falz. Minkejja dan hija xorta għażlet li tixhed u tirrakkonta l-istorja tagħha, b'mod ċar u konvinċenti, fejn akkużat lill-appellant b'fatti li jikkostitwixxu reat, li ta' wħud minnhom instab ħati.

27.Apparti minn hekk din il-Qorti jidhrilha li l-Qorti tal-Maġistrati kienet fl-aħjar posizzjoni biex tkun tista' tevalwa din ix-xiehda tax-xhieda li xehdu f'dan il-każ. Fil-fatt dik il-Qorti kellha l-benefiċċju li mhux biss rat lill-minuri tixhed quddiemha, ħaġa li anke din il-Qorti setgħet tagħmel grazzi għar-reġistrazzjoni video tad-deposizzjoni tagħha. Iżda dik il-Qorti kellha l-benefiċċju li setgħet tisma' u tara lill-appellant u lil Amanda Azzopardi jixhdu quddiemha u setgħet ukoll għalhekk tapprezza l-imġieba, l-

kondotta u l-karattru tax-xiehda tagħhom meta dawn xehdu quddiemha personalment – ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel in kwantu d-deposizzjoni tagħhom ma kienetx ukoll reġistrata bil-video.

28. Din il-Qorti għalhekk trid tagħti l-piż xieraq lill-evalwazzjoni li kellha l-opportunita tagħmel il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li hi setgħet tqis il-provi kollha u għexet personalment il-proċess quddiemha. Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination". Ghalhekk, kontra l-imputat hemm oltre dak ti sejjer jinghad, dawn iż-żewġ xhidiet li ma gewx bl-ebda mod żvalorizzati, u li jassodaw pjenament l-imputazzjoni;

29. Dan qiegħed jingħad b'mod partikolari għaliex il-Qorti tal-Maġistrati stqarret li :

> Illi din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz tinsab moralment konvinta li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-minuri ghandha titwenmmen. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni mhux biss ghaliex il-komportament tal-minuri waqt li kienet qed tixhed indika li kienet qed tghid il-verita' u mhud biss ghaliex hija kienet konsistenti fir-rakkont taghha dwar il-fatti izda anki ghaliex il-

> minuri ma kellha ebda raguni il-ghala taghmel dan ir-rapport salv li ghaliex dawn l-affarijiet effettivament graw. Kif jindika l-istess imputat me kien hemm ebda dizgwid jew rapporti hziena bejn l-imputat u l-parti civili u l-minuri koncernata. Inoltre l-call profiles esebiti a fol. 122 jikkorroboraw il-verzjoni tal-fatti dwar hinijiet moghtija mill-minuri.
>
> Illi in kwantu jirrigwarda l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat din il-Qorti ma setghetx ma tinnutax li kien hemm inkonsistenzi bejn il-ftit informazzjoni li huwa ghazel li jaghti a tempo vergine u dak li huwa qal meta huwa ghazel li jixhed quddiem din il-Qorti....
>
> Illi ghalhekk mill-kumpless tal-provi din il-Qorti tinsab sodisfatta kif diga' inghad li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-minuri koncernata hija wahda veritjiera u korretta.

30. Wara li din il-Qorti eżaminat sewwa dawn il-provi u l-argumenti kollha imresqin f'dan il-każ, hija tara li in bażi għal dawn il-provi u l-argumenti, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li temmen il-verżjoni tal-minuri aktar milli dik tal-appellant. F'dan is-sens għalhekk l-ewwel aggravju qiegħed jiġi respint.

***Ikkunsidrat -***

31. Illi t-tieni aggravju huwa fis-sens l-fatti kif rakkontati minn OMISSIS kienu tali li jintegraw ir-reat ta' attentat vjolent fuq il-pudur aktar milli r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni.

32. Illi f'dan is-sens, din il-Qorti reġgħet fliet il-verżjoni tal-fatti kif rakkontata mill-minuri nonche ċ-ċirkostanzi kollha li hija tgħid li seħħew fihom. Din il-Qorti qieset ukoll il-konsiderazzjonijiet li waslu lill-Qorti tal-Maġistrati biex tikkonkludi li l-fatti rakkuntati

mill-minuri kienu jintegraw ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Dwar dan il-punt dik il-Qorti stqarret li dak rakkuntat mill-minuri kien jikkonsisti f'*atti di libidine* konsistenti fi *French kissing* u tbagħbis fil-parti ġenitali u fuq il-warrani minn fuq il-ħwejjeġ iżda wkoll għaliex dan l-aġir kien akkumpanjat minn aġir u kliem ieħor tal-imputat li kienu evidentement intiżi bħala atti ta' seduzzjoni u intiżi sabiex jikkorrompu lill-istess minuri. Il-Qorti ġġib l-eżempju ta' meta l-minuri tgħid li l-appellant qalilha li kienu qishom żewġt namrati waħidhom fil-blokk t'appartamenti u fejn huwa qalilha li kienet qed tikber u tisbieħ qabel ma avviċinaha sabiex ibusha jew fejn huwa qalilha li kien hemm okkażjoni oħra fejn huwa xtaq jaqbdilha l-warrani iżda ma setgħax għaliex kien hemm ommha. Dik il-Qorti imbagħad għaddiet biex tiċċita diversi siltiet mis-sentenzi ***The Police vs Thomas Wiffen,***[7] liema sentenza tiġi ċitata bħala awtorita' f'diversi sentenzi li jittrattaw dan ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni.

***Ikkunsidrat : -***

33. Illi s-siltiet mix-xiehda tal-minorenni u li wassal lill-Qorti tal-Maġistrati biex issib ħtija fl-appellant huma s-segwenti : -

> Imbaghad malli wasalt quddiem il-bieb tieghu hareg ikellimni. Speci hareg ikellimni u saqsieni kif mort l-iSkola, kif inhi l-mummy u affarijiet bazici. Imbaghad beda jsaqsini, ghidtlu jiena qeghda ccempilli l-mummy bi skuza biex nitla' jiena biex ma nahlix il-hin noqghod nitkellem mieghu ghax jien m'ghandix ghalfejn noqghod nitkellem mieghu. U saqsieni nistghux niehdu l-mobile maghna l-iSkola. Jien ghidtlu li ma nistghux hlief ghal xi Emergenza jew xi kaz partikolari jew hekk. U mbaghad kelli l-imsielet kelli par imsielet differenti u saqsieni fuq l-imsielet. U kelli ta' din in-naha kellha

[7] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Jannar, 1996.

fossa u qalli li bhal speci jhallukom tmorru bl-imsielet l-iSkola. Ghidtlu iva jiena ghidtlu imma bit-tieni wahda ma mmorrux ma jhalluniex. U mbaghad qalli li qed nikber u nisbieh u jiena ghidtlu speci nikber u l-istudju jikber mieghi. Naturalment qisek sa kemm tikber fl-eta' u tavvanza fl-istudji tieghek iktar ha jkollok xogholijiet x'taghmel u hekk. U gie vicin tieghi u qallli qisna zewg gharajjes fil-Flat.[8] Dak il-hin speci ghidt tipo all tight speci ghalfejn qalli hekk dan. U mbaghad wara gie lejja fil-vicin tieghi u beda jbusni u beda jmissni u hekk darbtejn

Qorti: Beda jbusek fejn beda jbusek?

Xhud : f'halqi.

Qorti fuq xuftejk?

Xhud : Fuq xuftejja bi lsienu u jiena kont qeghda niddejjaq. U darbtejn u jien ghidtlu li niddejjaq darbtejn. U qalli ghala? Jiena ghidtlu li qeghda ma' xi hadd imma fil-verita' ma qeghda ma hadd. Il-mummy ma tiehux gost jekk issir taf biha u mhux haga sabiha li jiena, li hu ghamel hekk lili. Lili jekk ghamel hekk urieni kemm m'ghandux rispett lejn it-tfajla tieghu, lejn it-tifel tieghu u lejn it-tarbija li gejja fid-dinja dalwaqt ghax it-tfajla tieghu hija pregnant. U r-rispett u d-dinjita tieghi ma tezistiex ghalih ghax bhal speci m'ghandux rispett ghaliha li ahna konna nafdawh u hekk. U jiena dak il-hin kont imfixkla, kont f'xokk ma stajt naghmel xejn ghax naturalment tbellaht jiena kont f'xokk qawwi u qalli biex ma nghid lil hadd u ma nghidx lil mummy. U jien ghidtlu le ma jien ser nghid lil hadd. Ovvjament ma kontx ha noqghod hekk ma nghid lil hadd ridt nghid lil xi hadd. U

Qorti : Qabel ma tkompli meta ghidtli biesek u missek, fejn missek?

Xhud : Missni isfel quddiem u wara

Qorti: Isfel fejn? Hu pacenzja trid tkun specifika

Xhud : Fil-parti tieghi

Qorti : U minn fuq jew minn taht il-hwejjeg?

Xhud : Minn fuq il-hwejjeg

Qorti : Minn fuq il-hwejjeg u fejn aktar?

Xhud : U wara l-patata

---

[8] A fol 95, fix-xiehda t'ommha OMISSIS1, din tgħid li din l-espressjoni Farrugia użaha mhux qabel ma biesha l-ewwel darba iżda wara li kien reġgħa biesha għat-tieni darba.

Qorti : Il-patata u dejjem minn fuq il-hwejjeg?

Xhud : Ija, Ija dejjem

Qorti : U fejn aktar?

Xhud : Dawk. Qalli li darb'ohra meta gie jhabtilna d-dar qalli li kien ha jaqbadli l-patata imma ma setax ghax kien hemm il-mummy. Jigifieri kienet diga intenzjonata l-haga li ha jaghmel haga hekk. Imbaghad jiena tlajt fuq id-dar u l-bieb tal-flat sakkartu taghna u cemplit nigri lil mummy. Giet ghalija l-mummy mix-xoghol qas damet hames minuti, giet u bqajna sejrin l-Ghassa naghmlu r-rapport.

34. Illi wara li qieset din ix-xiehda tal-minuri, magħquda sewwasew ma dik il-każistika ċitata mill-Qorti tal-Maġistrati, kif ukoll ġurisprudenza oħra ta' dawn il-Qrati, mhux l-anqas dik ċitata mid-Difiża, u każistika oħra li ma ssemmiet minn ħadd dwar ir-reati ta' korruzzjoni ta' minorenni kif ukoll dik dwar ir-reat t'attentat vjolenti fuq il-pudur, din il-Qorti qieset li kollox ma kollox, il-fatti kif deskritti mill-minuri, fiċ-ċirkostanzi partikolari kollha spjegati minnha, jagħtu raġun lid-Difiża.

35. Mingħajr bl-ebda mod ma tnaqqas mit-trawma li l-minuri tispjega li għaddiet minnha, fosthom li dakinhar kienet ħassitha mbeżża' u taħt xokk, li ma riedetx tiekol kif ukoll li skont ommha kienet ħaditha għand psikologa minħabba li l-minuri ma riedetx li tersaq lejn il-flat, din il-Qorti ma tqisx li bil-*fattispecie* tal-każ kif preżentati lill-Qorti tal-Maġistrati, kien sigur u sodisfaċenti li l-appellant jinstab ħati tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Din il-Qorti ma tqisx li l-elementi kollha tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, tal-korruzzjoni effettiva tal-minorenni, ġew pruvati. B'xorti ħażina

diversi persuni li jgħaddu minn attentat vjolent għall-pudur tagħhom jgħaddu minn din it-tip ta' trawma. Biss dan ma jfissirx li l-minuri tkun ġiet legalment korrotta kif tenniet il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha.

36. Il-Qorti tal-Maġistrati qieset li l-egħmil tal-appellant fil-forma tal-*French kissing* kif ukoll it-tokkamenti minn fuq il-ħwejjeġ tal-parti privata tal-minuri u tal-warrani tal-minuri kienu *atti di libidine* u qieset ukoll li peress li dawn kienu akkumpanjati b'atti u kliem ta' seduzzjoni allura, lkoll flimkien, magħquda mal-eta ta' ħmistax il-sena tal-minuri, kienu jintegraw ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni.

37. Il-każistika Maltija tgħallem li kull każ ta' allegat korruzzjoni ta' minorenni jrid jittieħed fil-kuntest partikolari li jkun sar fih. Il-Qrati Maltin taw gwida fis-sentenzi tagħhom li ppreżentaw diversi xenarji tal-każijiet li ġew dibattuti quddiemhom fejn qiesu li ġie integrat ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni jew b'eliminazzjoni tal-elementi ta' dak ir-reat il-possibilita tar-reat t'attentat vjolent għall-pudur.

38. Illi fis-sentenza ***Il-Pulizija vs L25606 Leading Stewart Victor Dalmas*** deċiża mill-Qorti Kriminali eżerċenti s-setgħa t'appell kriminali nhar it-13 ta' Mejju 1961, f'kuntest soċjali Malti ferm aktar konservattiv minn dak li ninsabu ngħixu fih illum, l-Imħalllef William Harding kien ikkunsidra l-*French kiss* bħala forma ta' *atto di*

*libidine*, iżda fiċ-ċirkostanzi ta' dak il-każ kien iddeċieda bil-mod segwenti : -

> Ghalhekk, l-att libidinus ghandu jitqies dak li t-tifla ddeskriviet bhala "with his tongue he licked my tongue", u dippjù xi ħaġa ohra mhux speċifikata li kienet "rude". Kif osservat l-Ewwel Qorti, l-ewwel att hu dak li volgarment jissejjah "bacio colombino" ossija 'French kiss", li pjuttost, fuq tifla ta' sitt snin, f'dawk iċ-ċirkustanzi, jikkostitwixxi almenu attentat vjolent ghall-pudur;

39.F'dak il-każ, minbarra l-*bacio colombino*, l-atti l-oħra li t-tifla ta' sitt snin issubiet fuq ġisimha u li hi kkunsidrat bħala "*rude*", ma ġiex pruvat x'kienu, u jitħallew biss għall-immaġinazzjoni ta' dak li jkun. Dik il-Qorti kienet ikkunsidrat dak ix-xenarju, inkluż il-*bacio colombino*, bħala tali li kienu jagħtu lok għall-konferma tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, li kienet sabet lill-imputat ħati t'attentat vjolent għall-pudur fuq din it-tifla ta' sitt snin u mhux korruzzjoni ta' minorenni.

40.Illi f'dan il-każ, il-minuri tgħid li l-appellant mhux biss biesa *bacio colombino* iżda wkoll messha darba waħda biss minn fuq il-ħwejjeġ fuq il-parti ġenitali u fuq il-warrani waqt li qalilha d-diskors li l-Qorti tal-Maġistrati kkunsidratu bħala seduċenti. Din il-Qorti tqis li l-grad ta' libidini f'*bacio colombino*, *French Kiss* jew sejjaħlu kif trid, magħqud ma tokkament waħdieni fuq il-parti privata u l-warrani fuq il-persuna ta' tfajla ta' ħmistax il-sena minn fuq il-ħwejjeġ huwa differenti minn dak li rriżulta fil-każ ***Thomas Wiffen***. Dik il-Qorti fil-kawża Wiffen kienet tenniet is-segwenti : -

> For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act ("atto di libidine") and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the

circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question. Francesco Carfora, writing in the Digesto Italiano in connection with Section 335 of the Zanardelli Code (which provision, as far as the elements of the offence are concerned, was identical to our Section 203) has this to say as regards the notion of "lewd acts":

"Atti di libidine.... debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo complete della libidine..... Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo é diretto colle funzioni sessuali" (Vol. VIII, parte 3, p. 967).'

And on the question of the repetition of the same acts, the said writer had this to say :

"Si e' fatt poi questione se gli atti di libidine, per ritenersi idonei, dovessero essere ripetuti; ma se, in alcuni casi, quando si tratti di atti per se stessi di poca entita', la reiterazione puo' conferire loro quella efficacia corrutrice, che, isolatamente, non avrebbero, non per questo essa puo' considerarsi come condizione di incriminabilita' del fatto, quando si tratti di atti, i quali, anche compiuti una sola volta, hanno in se evidente l'efficacia corrutrice, e questo appunto ha ritenuto la giurisprudenza cosi' sotto l'impero del codice abrogato come sotto quello del codice vigente.

As was stated more recently by the Court of Cassation in its judgment of the 14 February 1961 :

"Per costituire atto di libidine, l'atto deve essere tale da procurare una sensazione erotica anche solo eccitando appetiti sessuali" (quoted in Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano, Nuvolone, P. and Pisapia, G.D. ed. UTET (1984), Vol. VII, para. 2550, p. 359, n. 5)

'Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le cirostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts."

"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed. As Sir Anthony Mamo points out in his Notes on Criminal Law:

"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime" (p. 226).

And Francesco Carfora observes:

"...non bisogna intendere la corruzione fisica nel senso ristretto di manifestazione di corruzione morale mediante atti volontari esteriori compiuti dallo stesso minorenne, ma nel senso di contaminazione fisica anche mediante i soli atti dell'agente, inquantoche' agli effetti dell'art. 335 si ha la figura delittuosa della corruzione di minorenne quando questo abbia solo subito sulla propria persona atti contrari al pudore capaci di corrompere, anche se da parte sua non abbia corrisposto con altri atti, che costituiscono prova di un'effettiva corruzione, perche', come gia' abbiamo altrove notato, il legislatore intende a colpire i germi della corruzione gittati dagli atti delittuosi compiuti dall'agente, non in quanto sieno immediatamente sviluppati, ma in quanto possono in un tempo qualunque svilupparsi, e questo ritenne anche la patria giurisprudenza" (op. cit., p.966).

In other words if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts -- for example, because he or she was, to some degree, already depraved - whoever has to judge the facts may reasonable conclude that there was actual or effective defilement."

41. Din il-Qorti ma tqisx li f'dan il-każ kien hemm atti ta' gravita' tali li minnhom infushom, imwetqin darba waħda, bil-mod kif saru u fil-kuntest li fihom twetqu, għandhom dik l-effikaċja estrema li jintegraw ir-reat tal-**korruzzjoni** tal-minorenni. Ma tresqitx prova dwar il-korruzzjoni **effettiva** tal-minuri; iżda din il-Qorti tqis li l-atti imsemmija, għalkemm xorta waħda kundannabbli, ġew imwetqin darba waħda, fuq il-persuna ta' tfajla ta' ħmistax il-sena u t-tokkamenti fil-partijiet privati u l-warrani saru minn fuq il-ħwejjeġ u li ma damux. It-tfajla uriet li kienet taf biżżejjed xi tfisser *french kiss*, u mix-xiehda tagħha uriet maturita sufficjenti biex tifhem mhux biss li din il-bewsa fuq il-persuna tagħha mill-appellant kienet kompletament barra minn lokha, iżda wkoll li kienet turi nuqqas kbir ta' rispett lejha mill-appellant, nonche nuqqas kbir ta' rispett mill-appellant lejn terzi. Ġustament, il-minuri ħassitha maħsuda, ixxukjata, imdejqa u turbata bl-azzjoni tal-appellant. Biss ma tgħid u tagħti x'jifhem xejn li juri li din l-azzjoni tal-appellant kienet tant gravi li kellha xi **effett korruttriċi** fuqha. Wieħed ma jridx jinsa' l-anqas, li ta' ħmistax il-sena, din it-tfajla kellha diġa konsapevolezza mhux biss tat-tifsira tal-*French Kiss*, iżda wkoll tal-ġist tat-tokkamenti u kemm huwa improprju meta dan il-ġist jitwettaq minn persuna bħall-appellant meta ma kienx volut. Għalkemm l-azzjoni tal-appellant fuq il-minuri ma kienx ta' korruzzjoni xorta waħda jibqa, ġustament, mitqies ta' stmerrija u ripulsjoni fil-konfront tal-appellant. Jista' jkun li l-appellant aġixxa b'dak il-mod biex jipprova jqajjem il-*libido* jew l-interess sesswali fih

innifsu jew fil-minuri li lejha kienu diretti dawk l-azzjonijiet. Iżda mill-provi prodotti, għarralu bl-ikrah għax il-minuri warbitu l-hemm u ma komplietx miegħu.

42. Il-Qorti tista' tifhem li l-minuri ġiet maħsuda u trawmatizzata bl-azzjoni tal-appellant. Biss biex l-atti li għamel ikunu jistgħu jitqiesu li jwaslu għall-korruzzjoni ta' minorenni f'dan il-każ riedu jkunu aktar gravi minn dak imwettaq. Il-Professur Mamo, fin-Noti tiegħu itenni li l-iskop wara dan ir-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni huwa li jipproteġi l-minuri **mill-effetti perniċjużi tal-korruzzjoni morali tal-minuri**. Il-Qorti tal-Maġistrati jidher li xaqilbet lejn l-integrazjoni tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni in bażi għall-fatt li anke skont is-sentenza ***'Il-Pulizija vs Kelinu Mifsud'***[9] il-kelma 'jikkorrompi' tindika li flimkien mal-att libidinuż, irid ukoll ikun hemm l-*opera perikoluża tas-seduzzjoni* u li skont l-Imħallef Harding f'dik is-sentenza kienet tagħmel id-differenza minn un *fuggevole atto lesivo del pudore*. F'dik il-kawża, dwar l-elementi tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni, intqal li : -

> Għalhekk, kull meta l-Qorti tkun perswaza li l-fattijiet tal-każ in ispeċje jinkwadraw ruħhom fl-ipotesi tal-liġi relattiva għar-reat ta' korruzzjoni ta' minorreni, ċjoe' kull meta jkun hemm (1) l-eta' minuri tal-vittima, (2) l-element materjal tal-attijiet ta' libidini, ċjoe' attijiet intiżi għas-sodifazzjoni sesswali, u li fihom innfishom ikollhom l-attitudini li jokkorrompu, u (3) l-element intenzjonali, ċjoe' ir-rieda tal-ħati li jagħmel dawk l-attijiet, li hu jaf li huma libidinużi fis-sens premess, allura hemm ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, appuntu in forza tal-kriterju negattiv fuq imsemmi, u skond il-prinċipji fuq espost;

[9] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar, 1955

43. Din il-Qorti jidhrilha li l-atti kommessi mill-appellant f'dan il-każ għalkemm kienu intiżi għas-sodisfazzjoni sesswali u in kwantu tali atti ta' libidini, pero ma kellhomx l-effikaċja korruttriċi fuq il-persuni tal-minuri involuta. Dan qiegħed jingħad ukoll fid-dawl tal-insenjament ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża ***Il-Pulizija vs. Omar M. Ammar Z. Jolqham***[10] fejn kienet ikkunsidrat is-segwenti : -

> L-ewwel Qorti rravvizat f'dan kollu r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, din il-Qorti ma taqbilx. Il-fatti kif deskritti mit-tfajjel MM, fil-fehma ta' din il-Qorti, jammontaw (ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni) ghar-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur tat- tfajjel MM – reat li hu inferjuri fil-gravita` ghal, izda kompriz u involut fi, ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni – u fil-forma kontinwata stante li certi atti sehhew fil-kazin u ohrajn fl-appartament. Din il-Qorti kellha diga` okkazzjoni li telabora dwar id-differenza bejn iz-zewg reati fis-sentenza taghha tat-13 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet <u>Il-Pulizija v. Joseph Micallef</u>, ghal liema sentenza qed issir piena referenza a skans ta' hafna ripetizzjoni. Inghad in partikolari f'dik is-sentenza hekk:
>
> "Fil-kaz in dizamina, din il-Qorti tara li l-atti kommessi mill-appellant, deplorevoli kemm huma deplorevoli meta wiehed iqis ir-relazzjoni li kienet tezisti ta' ghalliem u studenti, ma kienux jammontaw ghal atti ta' libidini fis-sens tal-ligi taghna peress li, ghall- anqas kif jirrizulta li gew kommessi f'dan il-kaz -- tokkamenti ta' malajr u minghajr ma gew preceduti jew segwiti b'xi attitudini ta' seduzzjoni -- dawn l-atti kienu nieqsa mill-potenzjalita` korrutrici. Dawn l-atti, izda, certament wasslu biex jilledu s-sens ta' pudur tat-tfajliet li, minkejja l-eta` tenera taghhom, hassew li kien hemm xi haga mhux korretta f'dak li kien qed jaghmel l-appellant, nehhewlu idejh, u tlieta minnhom anke rraportawh dak il-hin stess lil Miss Casalletto. L- appellant ma jistax jippretendi li dak li ghamel ma jammontax ghal attentat vjolent ghall-pudur. Il-ligi taghna tipprovdi li kull attentat ghall-pudur jitqies bhala vjolent meta jsir fuq persuna taht l-eta` ta' tnax- il sena (Art. 201(a), Kap. 9). Anke li kieku ma kienitx tapplika din id-disposizzjoni b'din il-presunzjoni ta' ligi, mill-provi jirrisulta car li dak li sar mill-appellant sar kontra l-volonta` tat-tfal in kwistjoni u, f'dan is- sens, vjolentement. L-iskop li ghalih ikun sar l-att hu rrelevanti..."
>
> Anke fil-kaz in dizamina, ghandna biss tokkamenti fuggeski fuq il-parti genitali u fuq ilhwejjeg, tmellis fuq l- idejn u l-koxxa u – fl-appartament –

[10] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Frar, 2008.

tenatttiv ta' bewsa fuq ix-xufftejn. Ebda wiehed minn dawn l-atti ma jammonta ghal att ta' libidini – "lewd act" – ut sic, ghalkemm jistghu certament ikunu l-preludju ghal tali atti. Dawn gew kommessi f'zewg okkazzjonijiet separati, fil-kazin u fl- appartament, izda certament saru bhala konsegwenza ta' risoluzzjoni wahda, risoluzzjoni preordinata biex l-appellant jillixka lit-tfajjel ghal atti aktar serji.'

44.Il-Qorti analizzat il-kliem mistqarr mill-appellant lill-minuri f'dan il-każ u jirriżulta li kien dan: -

a. Speci hareg ikellimni u saqsieni kif mort l-iSkola, kif inhi l-mummy u affarijiet bazici.
b. U saqsieni nistghux niehdu l-mobile maghna l-iSkola. Jien ghidtlu li ma nistghux hlief ghal xi Emergenza jew xi kaz partikolari jew hekk.
c. U mbaghad kelli l-imsielet kelli par imsielet differenti u saqsieni fuq l-imsielet. U kelli ta' din in-naha kellha fossa u qalli li bhal speci jhallukom tmorru bl-imsielet l-iSkola. Ghidtlu iva jiena ghidtlu imma bit-tieni wahda ma mmorrux ma jhalluniex.
d. U mbaghad qalli li qed nikber u nisbieh u jiena ghidtlu speci nikber u l-istudju jikber mieghi.
e. Naturalment qisek sa kemm tikber fl-eta' u tavvanza fl-istudji tieghek iktar ha jkollok xogholijiet x'taghmel u hekk.
f. U gie vicin tieghi u qalli qisna zewg gharajjes fil-Flat. Dak il-hin speci ghidt tipo all tight speci ghalfejn qalli hekk dan. U mbaghad wara gie lejja fil-vicin tieghi u beda jbusni u beda jmissni (fil-parti privata u fuq il-warrani) u hekk darbtejn...f'halqi....Fuq xuftejja bi lsienu u jiena kont qeghda niddejjaq. U darbtejn u jien ghidtlu li niddejjaq darbtejn.
g. U qalli ghala?
h. Qalli li darb'ohra meta gie jhabtilna d-dar qalli li kien ha jaqbadli l-patata imma ma setax ghax kien hemm il-mummy.

45.Din is-sekwenza, turi li l-appellant beda jkellimha fuq affarijiet li għall-bidu deheru newtrali, iżda li mbagħad bdew jidħlu aktar fil-personali. Kienu l-kummenti fis-sens li qegħda tikber u tisbieh u li kienu qishom żewġt għarajjes fil-flat li jidher li skont il-minuri preċedew il-bews u t-tbagħbis. Mill-banda l-oħra skont omm il-minuri l-espressjoni li kienu qishom żewġt għarajjes intqalet wara l-ewwel bewsa u qabel it-tieni bewsa. Il-kumment li darba qabel kien

xtaq li jmissilha l-warrani ma jirriżultax li intqal **qabel** ma beda' l-bews u t-tbagħbis. Bir-rispett kollu, għalkemm dan huwa kliem fierah u huwa intiż li juri ċertu interess da parti tal-appellant lejn il-minuri, mhux ta' gravita tali li jista' jitqies bħala li huwa ta' seduzzjoni fis-sens nefast li trid il-Liġi. Dan qiegħed jingħad fuq l-iskorta wkoll tal-ġurisprudenza patrija fejn ġew analizzati wkoll espressjonijiet simili għal dawk in disamina u li ma ġewx ritenuti bħala li jikkwalifikaw l-estremi tas-seduzzjoni fis-sens gravi tal-Liġi. Fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Orazio Godwin sive Horace Laudi"*** ġie mistqarr is-segwenti : -

> Illi, kif gie indikat aktar il-fuq mix-xiehda ta' OMISSIS, jirrizulta li l-imputat beda jhares u jidhak lil OMISSIS u kien hemm drabi fejn beda jmiss il-parti tieghu 'l fuq u 'l isfel il-barra mill-qalziet.
>
> Irrizulta wkoll li l-imputat ghadda diversi kummenti lil OMISSIS, fejn qalilha li kienet sabiha, li kellha gisem u li kieku kien nemusa kien imur fuqha. Irrizulta wkoll li l-imputat qabad lil OMISSIS minn idha, minkejja li jichad, u li kien ser ipoggiehilha fuq il-parti tieghu pero' hi mbuttatu. Minkejja li, b'differenza tal-kaz hawn fuq citat, il-minuri fil-kawza odjerna ghandha sittax il-sena, jirrizulta li dak li sar mill-imputat sar kontra l-volonta' ta' OMISSIS u, f'dan is- sens, vjolentement.
>
> Illi l-Qorti hija tal-fehma li, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, dak li ghamel l-imputat u dak li huwa qal fil-konfront ta' OMISSIS jista' jitqies bhala attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-minuri OMISSIS u b'hekk it-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentment pruvata u ghaldaqstant l-imputat ser jinstab hati taghha.'

46. Fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Anthony Camilleri***[11] ġie deċiż li l-mess ossija t-tokkata fugaċi u momentanja fuq il-warrani ta' tfajla minorenni – **anke minn taħt il-ħwejjeġ**[12] – aktar jinkwadra taħt ir-reat ta' attentat vjolenti għall-pudur aktar milli fir-reat ta'

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Frar, 2008.
[12] U mhux minn fuq il-ħwejjeġ kif seħħ f'dan il-każ.

korruzzjoni ta' minorenni. Mill-banda l-oħra att fuġġesk, anke jekk ikun fuġġesk iżda jkun magħmul fuq persuna b'mod indesiderat jekk mhux ukoll għall-għarrieda, jista' jintegra r-reat ta' attentat vjolent għall-pudur, anke kif jirriżulta mis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Omissis*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-22 ta' Marzu 2017.

47.Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti jidhrilha li t-tieni aggravju għandu jiġi milqugħ.

## ***Konklużjoni***

Għaldaqstant il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan l-appell billi filwaqt li tiċħad l-ewwel aggravju, tilqa' t-tieni aggravju u tirriforma s-sentenza appellata billi :

(a) tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni u minnha illiberatu minn kull ħtija u piena; filwaqt li

(b) tħassarha f'dik il-parti fejn :-

   (i) sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfronti tiegħu; u

   (ii) fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni stante li din kienet ingħatat bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni li għaliha l-imputat kien instab ħati; u

   (iii) fejn ikkundannatu għall-piena ta' tmintax (18) -il xahar priġunerija, u

minflok :

(c) Issib lill-imputat mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena;
(d) Issibu ħati tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u

wara li rat l-artikoli 207 (kif kien fiż-żmien meta seħħ id-delitt), kif ukoll l-artikoli 28A(1) u 28B tal-Kodiċi Kriminali qegħdha tikkundanna lill-ħati għall-piena ta' **disa' xhur priġunerija** iżda tordna li din is-sentenza in kwantu għal piena ta' priġunerija m'għandhiex tibda' sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' **sentejn** mill-lum l-appellat jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat bi kliem ċar u li jinftiehem lill-appellat ir-responsabbilita tiegħu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Altrimenti, il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament tagħha.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***